

Kawża C-281/07

Hauptzollamt Hamburg-Jonas

vs

Bayerische Hypotheken- und Vereinsbank AG

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Bundesfinanzhof)

“Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej — Artikolu 3 — Irkupru ta’ rifużjoni fuq l- esportazzjoni — Żball tal-amministrazzjoni nazzjonali — Terminu ta’ preskrizzjoni”

| | |
|--|---------|
| Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston, ippreżentati fil-25 ta’ Settembru 2008 | I - 93 |
| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-15 ta’ Jannar 2009 | I - 103 |

Sommarju tas-sentenza

Riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej — Regolament dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità — Proċeduri legali kontra irregolaritajiet — Terminu ta’ preskrizzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 2988/95, Artikolu 3(1))

Il-perijodu ta' preskrizzjoni ta' erba' snin previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3 (1) tar-Regolament Nru 2988/95, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, mhuwiex applikabbli għal proċedura ta' rkupru ta' rifiżjoni fuq l-esportazzjoni mħallsa indebitament lil esportatur minħabba żball tal-awtoritajiet nazzjonali meta dan l-esportatur ma jkun wettaq ebda irregolarità fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament.

F'sitwazzjoni bħal din, il-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-irkupru tas-somom imħallsa indebitament tiġi rregolata bir-regoli tal-liġi nazzjonali applikabbli f'dan il-qasam. Fil-fatt, il-kawżi dwar l-irkupru ta' ammonti li jkunu tħallsu indebitament taħt id-dritt Komunitarju għandhom, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet Komunitarji, jiġu deċiżi mill-qrati nazzjonali b'applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tagħhom, bla ħsara madankollu għal-limiti

imposti mid-dritt Komunitarju, fis-sens li l-modalitajiet previsti fil-liġi nazzjonali ma jistgħux iwasslu sabiex jirrendu l-irkupru tal-għajjnuna mogħtija indebitament prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċili u li l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali għandha ssir b'mod nondiskriminatorju meta mqabbla mal-proċeduri intiżi sabiex jiġu deċiżi kawżi nazzjonali tal-istess tip.

Barra minn hekk, l-interess tal-Komunità għall-irkupru tar-rifiżjonijiet fuq l-esportazzjoni li jkunu ġew irċevuti bi ksur tal-kundizzjonijiet għall-għoti tagħhom għandu jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni fid-definizzjoni tat-termini ta' preskrizzjoni applikabbli għal tali rkupru.

(ara l-punti 23-26 u d-dispożittiv)